MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Numru 835/1999

**Il-Pulizija**
**(Sp. Mario Buttigieg)**

**vs**

**Anthony Muscat ta’ 34 sena, iben John u Connie nee Montebello, mwieled Naxxar, u joqghod ‘Winchester Flats’, Nru 1, St Rita Street, Birkirkara, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 332665 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Anthony Muscat li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer bejn it-13/2/92 u l-02/02/98 b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dizpozizzjonijiet tal-ligi u li kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda bhala detentur tal-fond Muscat Farm, Sqaq Numru 10, Triq Santa Lucia, Naxxar, jew bhala persuna illi kellu l-imsemmi fond b'mezzi qarrieqa kkommetta serq ta' kurrent elettriku minn arlogg tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond liema serq jammonta ghal Lm 3786.27 ghad-dannu tac-Chairman Enemalta Corporation liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li jeccedi Lm 1000 u aktar talli ghamel hsara volontarja fil-makkinarju jew gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta' kurrent elettriku, u fl-ahhar ghamel hsara jew kisser xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew sigilli taghhom.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u dan billi l-hati jhallas l-ispejjez tal-esperti mahturin mill-Qorti skond il-Kodici Kriminali.

Jirrizulta mix-xhieda (ara xhieda fl-inkejsta ta' Paul Pantalleresco) li din l-inspection saret permezz ta' applikazzjoni ta' l-okkupant (no. B43/92). Fatt dan li jikkorrobora dak li xehed l-istess akkuzat li kien hu li talab biex jinbidel il-meter.

Illi dan il-fatt, cioe ta' l-applikazzjoni jikkorrobora fatt saljenti iehor u cioe li l-fond ghalhekk ma kienx dejjem taht il-kontroll ta' l-akkuzat, per lo meno jekk kien dan ma giex pruvat. Tant li mix-xhieda stess ta' Silvio Decelis, precizament mid-dokumenti minnu esebiti jirrizulta li ghalkemm isem l-okkupant (almenu mis-sena 1997 minhabba l-application no.) huwa dak ta' l-akkuzat, isem ir-registered consumer huwa ta' John Muscat.

Huwa daqstant veru anki kif imsemmi fit-trattazzjoni ta' din il-kawza li fl-artikolu 264(2) tal-kap 9 insibu shift fl-onus tal-prova dejjem sal-grad tal-probabbli fuq l-akkuzat li ghandu jkun jew l-okkupant jew il-persuna li ghandu l-kontroll tal-fond. Issa li hu cert u li gie pruvat hu li zgur l-akkuzat kien l-okkupant almenu mis-sena 1997 pero' minn

imkien ma gie pruvat li hu kien jaqa' fit-terminu li trid il-ligi taht l-artiklu 264 ghal perjodu qabel din is-sena. Minn imkien ma gie stabbilit li qabel is-sena 1997 hu kien l-okkupant jew il-persuna li kellha l-kontroll tal-fond, fatt dan li aktar mhux konfortat meta r-registered consumer inzerta persuna ohra u mhux l-akkuzat.

Ghalkemm din il-Qorti tinsab ferm certa li dan l-meter zgur ma kienx kif suppost anke wara li rat il-konstatazzjonijiet u konkluzjonijiet peritali, pero' li tista' tghid hu li minn imkien ma jirrizlta li l-akkuzat kien responsabbli ghal fond ghalhekk ghal meter fit-termini indikati fl-akkuza, ghaldaqstant qeghda tilliberah mill-istess.

--------------------------------TMIEM--------------------------------